



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 68/26

Il-Lussemburgu, 7 ta' Mejju 2026

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-747/22 | INPS (Assistenza soċjali u aċċess għall-impjegi – Diskriminazzjoni indiretta)

Aċċess għall-għajjnuna soċjali u għall-impjegi: kundizzjoni ta' residenza ta' għaxar snin tikkostitwixxi diskriminazzjoni indiretta fil-konfront tal-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali

Ċittadin barrani li jibbenefika minn protezzjoni sussidjarja fl-Italja tneħħielu d-“dħul taċ-ċittadinanza” (benefiċċji soċjali flimkien ma' programm ta' integrazzjoni professjonali) wara li s'tħarriġ amministrattiv wera li dan ma kienx jissodisfa l-kundizzjoni ta' residenza ta' mill-inqas għaxar snin fit-territorju nazzjonali skont kif previst fid-dritt Taljan. Huwa kkontesta din id-deċiżjoni quddiem qorti Taljana li adixxiet lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddetermina jekk din il-kundizzjoni tikkostitwixxi diskriminazzjoni indiretta fil-konfront ta' ċittadini barranin.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-għoti tad-dħul taċ-ċittadinanza jaqa' taħt il-prinċipju ta' ugwaljanza bejn il-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali u ċ-ċittadini nazzjonali, kemm fir-rigward tal-aċċess għall-impjegi kif ukoll fir-rigward tad-dritt għal dħul minimu. Għalkemm din il-kundizzjoni hija applikata bl-istess mod għal kull ċittadin, hija taffettwa prinċipalment lil dawk li ma għandhomx in-nazzjonalità. Din id-differenza fit-trattament ma hijiex iġġustifikata mill-fatt li l-għoti tad-dħul taċ-ċittadinanza jimplika, skont il-Gvern Taljan, piż amministrattiv u ekonomiku sinjifikattiv. Għalhekk, din il-kundizzjoni tikkostitwixxi diskriminazzjoni indiretta pprojbita mid-dritt tal-Unjoni.

Benefiċjarju tal-protezzjoni sussidjarja, li ilu jirrisjedi legalment fl-Italja mill-2011, kien qed jirċievi d-“dħul taċ-ċittadinanza”, benefiċċju soċjali akkumpanjat minn miżuri ta' integrazzjoni professjonali u soċjali. L-għoti ta' din l-għajjnuna kien suġġett għal kundizzjoni ta' residenza ta' mill-inqas għaxar snin fit-territorju Taljan, bl-aħħar sentejn minnhom b'mod kontinwu.

Wara s'tħarriġ, l-Istitut Nazzjonali tas-Sigurtà Soċjali (INPS) ikkonstata li din il-kundizzjoni ma kinitx issodisfatta. Għalhekk huwa waqqaf il-ħlas tal-allowance lil dan il-benefiċjarju u eżiġa r-rimbors tas-somom indebitament irċevuti.

Il-parti kkonċernata kkontestat din id-deċiżjoni quddiem qorti Taljana billi sostniet li l-kundizzjoni ta' residenza ta' għaxar snin kienet tikkostitwixxi diskriminazzjoni indiretta, peress li kienet iktar faċli għaċ-ċittadini Taljani li jissodisfawha. Min-naħa tiegħu, l-INPS sostna li dan id-dħul ma kienx maħsub sabiex ikopri bżonn bażiku, iżda kien jaqa' taħt il-politiki dwar l-impjegi u l-integrazzjoni, b'mod li r-rekwiżit ta' rabta vera mat-territorju Taljan huwa ġġustifikat.

Billi qieset li din il-kundizzjoni tista' tkun diskriminatorja u sproporzjonata, il-qorti nazzjonali adixxiet lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tivverifika jekk din il-kundizzjoni hijiex konformi mad-dritt tal-Unjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata, l-ewwel nett, li **d-“dħul taċ-ċittadinanza” jikkostitwixxi kemm miżura ta' aċċess għall-impjegi, suġġetta għall-prinċipju ta' ugwaljanza bejn il-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali u ċittadini nazzjonali** ¹, kif ukoll benefiċċju soċjali bażiku, fil-forma ta' dħul minimu, kopert ukoll minn dan il-prinċipju ².

It-tieni nett, **il-kundizzjoni ta' residenza ta' għaxar snin**, anki jekk tapplika b'mod identiku għaċ-ċittadini tal-Istat Membru u għall-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, **taffettwa prinċipalment lil dawk li ma għandhomx in-nazzjonalità u tikkostitwixxi diskriminazzjoni indiretta** fil-konfront tagħhom, li, bħala prinċipju, hija pprojbita.

It-tielet nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li **din il-kundizzjoni ma hijiex oġġettivament iġġustifikata** mill-fatt li, skont il-Gvern Taljan, l-għoti tad-“dħul taċ-ċittadinanza” jimplika piż amministrattiv u ekonomiku sinjifikattiv, li jiġġustifika li dan l-għoti jiġi limitat għall-persuni li jkunu integrati sewwa fil-komunità nazzjonali.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva f’dan ir-rigward li l-għoti ta’ benefiċċji soċjali lil persuna jimplika, għall-istituzzjoni kkonċernata, l-istess spejjeż, irrispettivament minn jekk din il-persuna tkunx benefiċjarja tal-protezzjoni internazzjonali jew ċittadina tal-Istat Membru kkonċernat.

Barra minn hekk, fir-rigward tal-miżuri ta’ aċċess għall-impjegi u għall-benefiċċji soċjali bażiċi, bħalma huwa d-“dħul taċ-ċittadinanza”, id-dritt tal-Unjoni jagħti lill-benefiċjarji ta’ protezzjoni internazzjonali dritt għall-ugwaljanza fit-trattament, mingħajr ma jippermetti lill-Istati Membri jipprevedu kundizzjonijiet jew limitazzjonijiet addizzjonali għal dawk previsti mil-leġislatur tal-Unjoni. Issa, it-tul tar-residenza fit-territorju ta’ Stat Membru ma huwiex previst mid-dritt tal-Unjoni bħala kriterju għall-għoti tal-benefiċċji kkonċernati lil dawn il-benefiċjarji.

Iktar minn hekk, l-għażla li l-għoti ta’ dawn il-benefiċċji jiġi suġġett għal kundizzjoni ta’ residenza ta’ għaxar snin fl-Istat Membru kkonċernat tmur kontra l-għan tad-dritt tal-Unjoni li jiżgura livell minimu ta’ benefiċċji għall-benefiċjarji ta’ protezzjoni internazzjonali, li l-istatus tagħhom, min-natura tiegħu stess, ma huwiex permanenti u jista’ jiġi rrevokat, li jwassal, fejn applikabbli, għar-ritorn tal-persuna kkonċernata lejn il-pajjiż ta’ oriġini tagħha.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta’ kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta’ att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#), u [fejn applikabbli, is-sunt](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq [“Europe by Satellite”](#) ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ Kif jirriżulta mill-Artikolu 26 tad-[Direttiva 2011/95/UE](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta’ ċittadini nazzjonali ta’ pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta’ protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija.

² Kif indikat fl-Artikolu 29 tad-Direttiva 2011/95.